*-obbligazzjoni favur terza persuna*

*-kunsens miksub b'qerq*

*-azzjoni diretta mill-benefiċjand*

*-Artiklu 1000 tal-Kodiċi Ċivili*

*- intempestivita' ssonata permezz tal-ins superveniens*

*- imgħax kummerċjali*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

# IMĦALLEF

# ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.

# ILLUM, 3 TA' OTTUBRU 2019.

## Rikors Ġuramentat Nru. 15/2015GM

**ALF MIZZI & SONS (MARKETING) LIMITED (C8692)**

**vs**

**DR MARK A. MIFSUD CUTAJAR U PL MARIO MIFSUD BONNIĊI LI B'DIGRIET TAT-2 TA' MARZU 2015 ĠEW MAĦTURA KURATURI DEPUTATI BIEX JIRRAPPREŻENTAW LIL EROM TRADING LIMITED (C65591) U DARREN CASHA DETENTUR TAL-KARTA TAL-IDENTITA` NRU 341982M U B'DIGRIET TAL10 TA' MARZU 2016, DARREN CASHA REĠA' ASSUMA L-ATTI TAL-KAWŻA U L-INKARIKU TAL-KURATURI DEPUTATI ĠIE REVOKAT**

**Il-Qorti,**

**Preliminari:**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited fid-9 ta' Jannar 2015 li permezz tiegħu talbet lill-Qorti tipproċedi għas-sentenza b'dispensa tas-smigħ tal-kawża *ai termini* tal-Artikolu 167 et. Seq. tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tiddikjara lil Erom Trading Limited u Darren Casha debituri tagħha għas-somma ta' €275,704.32 u dan oltre imgħaxijiet skond il-liġi sad-data tal-pagament effettiv u tikkundannahom iħallsuha s-somma imsemmija bl-imgħaxijiet skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv;

Talbet ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 2011/14 kontra Erom Trading Limited u Darren Casha;

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-kuraturi deputati ppreżentata fit-23 ta' Marzu 2015 li permezz tagħha eċċepew illi:

1. m'humiex edotti mill-fatti kollha tal-każ u rriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta ulterjuri f'każ u jekk jiġu edotti mill-fatti kollha;

2. l-azzjoni mressqa ma tistax tiġi konsiderata bħala proċedura speċjali ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 u dan billi t-termini kontenuti fl-artikolu 167 ma ġewx rispettati;

3. l-azzjoni bid-dispensa tal-proċeduri ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija in proponibbli billi l-attriċi ma segwitx id-dettami tal-Artikolu 167(1) u billi l-konvenuta hija assenti u ma tistax tintalab proċedura speċjali sommarja kontra kuraturi deputati;

4. hemm nuqqas ta' relazzjoni ġuridika mal-kuraturi u se jipproċedi b'azzjoni kontra l-kuraturi sabiex jannulla l-iskrittura li tagħha hemm referenza fil-kawża odjerna billi l-kunsens kien vizzjat;

5. dak mitlub f'din il-kawża huwa duplikat fil-kawża fl-ismijiet Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs More Supermarkets Limited et bin-numru 16/15 JZM;

6. mill-atti ppresentati jidher ċar li meta ġiet ppresentata din il-proċedura kien hemm ammonti mill-lista ta' fatturi li kienu għadhom mhux dovuti;

7. l-ammont pretiż jrid jiġi pprovat billi fl-atti m'hemm ebda prova ta' ammont dovut;

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tat-22 ta' April 2015 fejn ġie ddikjarat li din il-kawża m'għandhiex aktar kawża taħt il-proċedura sommarja speċjali iżda ssegwi l-proċedura ordinarja tas-smigħ;

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tal-15 ta' Ottubru 2015 fejn ġie ddikjarat illi il-Qorti qed tieqaf milli tqis iżjed l-azzjoni attriċi fil-konfront tal-kumpanija konvenuta Erom Trading Limited peress illi l-stralċarju tal-kumpanija

intimata ammetta l-pretensjonijiet tas-soċjeta` attriċi fil-konfront tas-soċjeta` konvenuta Erom Trading Limited[1];

Rat id-digriet tagħha (diversament preseduta) tal-10 ta' Marzu 2016 fejn laqgħet it-talba tal-intimat Darren Casha sabiex jiġi awtorizzat jassumi l-atti tal-kawża u tirrevoka l-inkarigu tal-kuraturi deputati Avv Mark A. Mifsud Cutajar u P.L Mario Mifsud Bonnici[2];

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha l-oħra tal-każ;

Rat in-Noti ta' Sottommissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-attriċi qed titlob il-ħlas ta' merkanzija kkonsenjata lis-soċjeta` Erom Trading Limited *ai termini* ta' '*Credit Application Form*'[3] li permezz tiegħu, l-attriċi qablet li se tforni l-prodotti tagħha u l-ħlas kellu jsir f'disgħin ġurnata. L-attriċi ppreżentat il-fatturi kollha tal-prodotti kkonsenjati[4];

Illi l-attriċi, permezz tar-rappreżentanti tagħha tispjega illi qabel inbdiet ir-relazzjoni kummerċjali ma' Erom Trading Limited, kienu jbiegħu lill-kumpannija Cassar & Schembri (Marketing) Limited u kellhom relazzjoni kuntrattwali magħha sa mis-sena 2007. Id-Diretturi ta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited kienu Ryan Schembri u Etienne Cassar. Christopher Paul Micallef li huwa s-*Sales Manager* tal-

---

[1] Fol 813.

[2] Fol 830.
[3] Dok A a fol 5.
[4] Dok MS1 a fol 65 – 717.

attriċi jgħid fl-affidavit tiegħu illi 'anke meta ġew inkorporati l-kumpaniji fil-grupp magħruf bħala 'MORE' bejn wieħed u ieħor fl-2012, aħna konna bqajna nbiegħu lil Cassar & Schembri (Marketing) Limited'[5] li mbgħad il-prodotti kienu jitqassmu fil-More Supermarkets;

Illi din is-sitwazzjoni damet sakemm fid-9 ta' Ġunju 2014 issejjħet laqgħa minn Matthew Borg, li kien sħab ma' Ryan Scembri ta' Cassar & Schembri (Marketing) Limited, li l-katina ta' supermarkets "MORE" ġiet akkwistata minn azzjonisti differenti li xtaqu jiltaqgħu magħhom. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti rappreżentanti tas-soċjeta attriċi u ċjoe` Christopher Paul Micallef u Ivan Azzopardi, Matthew Borg flimkien ma' Carinizia Camilleri li kienet il-*manager* tal-ħwienet u Dennis Francalanza bħala *accountant* tagħhom. Dawn introduċewhom ma' Darren Casha, Adrian Zammit u Ray Camilleri bħala l-azzjonisti l-ġodda tal-operat bl-isem 'MORE';

Illi f'din il-laqgħa, ir-rappreżentanti tal-attriċi ġew infurmati illi Erom Trading Limited kienet ser tassumi l-ħlas tad-dejn kollu ta' Cassar & Schembri Marketing Limited u li minn dakinhar 'il quddiem ir-relazzjoni tagħhom kellha tkun ma' Erom Trading Limited. Darren Casha kien se jkun direttur tagħha kif filfatt jirriżulta minn estratt mis-sit tal-MFSA[6]. L-attriċi ma kinitx komda b'dan il-kambjament u mill-ewwel uriet it-tħassib tagħha u xtaqet garanzija personali mingħand id-direttur tal-kumpanija konvenuta. Filfatt erbat ijiem wara u ċjoe` fit-13 ta' Ġunju 2014, Ivan Azzopardi rċieva *credit application form* iffirmata minn Darren Casha li permezz tagħha kien qiegħed jagħmel tajjeb bħala garanti.[7] Fis-16 ta' Ġunju 2014 dan l-istess ftehim ġie ffirmat minn Christopher Paul Micallef u minn Marvin Sapiano

[5] Fol 61.
[6] Dok X a Fol 38 e seq.
[7] Dok A a fol 5.

rappreżentanti tal-kumpanija attriċi[8] u minn hemm inbdiet ir-relazzjoni ma' Erom Trading Limited. Darren Casha jargumenta illi meta iffirma l-*Credit Application Form* ma kienx jaf li qed jiffirma għal xi garanzija personali u għalhekk il-kunsens tiegħu huwa vvizzjat mentri Ivan Azzopardi jixhed li fil-laqgħa li saret f'Ġunju 2014 kien spjega lil Darren Casha u lil kull min kien preżenti illi kien hemm bżonn li jidħlu bħala garanti personali għall-ammont kollu dovut. Dan jikkonfermah ukoll Christopher Micallef;

Illi sussegwentament, wara komunikazzjoni ma' Darren Casha, l-attriċi bdiet relazzjoni ġdida ma' More Supermarkets (Hamrun) Limited li fiha Darren Casha kien involut ukoll u kellhom garanzija personali tiegħu u ma baqgħetx allura tbiegħ lil Erom Trading Limited. Dan seħħ mill-aħħar ta' Lulju sa Ottubru 2014;

Illi wara dan il-perjodu l-attriċi reġgħet bdiet tinnegozja mal-kumpanija konvenuta u ċjoe` Erom Trading Limited. Darren Casha jargumenta li kienet l-attriċi li minn jeddha qabdet u ddeċidiet li twaqqaf in-negozjati ma' More Supermarkets (Hamrun) u terġa' tibda tindirizza l-fatturi fuq Erom Trading Limited. Iżda Ivan Azzopardi bħala rappreżentant tal-attriċi jisħaq illi għamlu dan fuq struzzjonijiet ta' Darren Casha stess f'laqgħa li kienet saret miegħu f'Ottubru 2014. Jikkonferma illi ma kienu ffirmaw l-ebda karti ġodda biex jirrifletti dan il-kambjament għax kienu se jkomplu fuq il-kont ta' Erom Limited li diġa` kien infetaħ qabel u li kien baqa' bilanċ fuqu mhux imħallas. Li kieku kien tħallas kollox kienu jagħlqu l-kont u jiftħu ieħor imma ma kienx hemm għalfejn ġaladarba d-direttur kien l-istess persuna;

Illi Casha jispjega illi meta eċċepixxa li hemm fatturi duplikati ma fissirx għall-istess oġġett mibjugħ iżda illi l-istess fattura ħarġet darbtejn, kemm fuq Erom Limited u

[8] Dok IA2 a fol 817.

kemm fuq More Supermarkets, hekk qed tfisser dupliċita`. Għalhekk il-kumpanija attriċi, fejn kellha fatturi jgħajjtu lil Erom Trading Limited, talbet pagament mingħand din l-istess kumpanija u rigward il-fatturi li jgħajjtu lil More Supermarkets (Hamrun) Limited infetħu proċeduri oħrajn kontra More Supermarkets (Hamrun) Limited sabiex jitolbu pagament mingħandhom;

Illi r-rappreżentanti tal-kumpanija attriċi kkonfermaw illi ma jistax ikun hemm duplikazzjoni bejn konsenji liż-żewġ kumpanija għax dawn dejjem inżammu bħala żewġ kontijiet distini. Ikomplu jispjegaw li l-aħħar darba li ltaqgħu ma' Darren Casha kien aċċertahom li se jitħallsu. Wara varji talbiet għall-ħlas, Casha kien infurmahom illi l-kumpanija kienet falliet u hemm aktar nies illi kellhom jitħallsu. Fl-ebda stadju Casha ma qalilhom illi ma kienx ser iħallas jew li l-ammont mhux dovut. Lanqas li hu mhuwiex garanti jew li ma kellu ebda relazzjoni magħhom. Filfatt Casha jikkonferma illi meta f'Novembru/Diċembru 2014 is-soċjeta` attriċi avviċinawh għall-ħlas kien spjegalhom li bis-sitwazzjoni preżenti ma setax jissodisfahom u talabhom żmien biex iġib il-ħwienet fuq saqajhom;

Illi r-rappreżentanti tal-attriċi spjegaw illi bħala proċedura nterna, il-kumpanija Derfal li hija waħda mill-kumpaniji ta' Alf Mizzi & Sons li tidher fuq l-fatturi kollha flimkien mal-kumpannija Alf Mizzi & Sons Marketing Limited, bħala l-kumpanija illi qed tbiegħ il-prodotti kollha u fuq in-naħa ta' isfel tal-fatturi hemm miktub illi l-ħlas kollu jsir lil Alf Mzzi & Sons Marketing Limited;

**Ikkunsidrat:**

**Relazzjoni ġuridika**

Illi l-ewwel eċċezzjoni imqajjma mill-konvenuta hija illi m'hemm l-ebda nteress ġuridiku bejn is-soċjeta` attriċi u Darren Casha. Il-konvenut jargumenta illi ma kinitx

il-kumpanija Alf Mizzi and Sons (Marketing) Limited illi ffatturat lis-soċjeta` intimata iżda kienet il-kumpanija oħra Derfla Limited. Il-fatturi ppreżentati irriżulta li nħarġu minn Derfla Limited iżda fuq l-fatturi stess kien espressament indikat illi l-ħlas kellu jsir lis-soċjeta` attriċi. Ir-rappreżentanti tal-kumpanija attriċi spjegaw il-proċedura normali ta' kif jaħdem in-negozju bejn il-kumpaniji ta' Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited fejn Derfla Limited hija waħda mill-kumpaniji fi ħdan l-attriċi fejn l-fatturi joħorġu minn Derfla Limited iżda l-pagamenti jsiru lil Alf Mizzi;

Illi l-attriċi, fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, issostni li s-soċjeta` attriċi kienet ko-kreditriċi ma' Derfla Limited. Dan mhuwiex il-każ għaliex is-soċjeta` attriċi kienet l-unika persuna lil kellha tirċievi l-ħlas. Alternattivament, l-attriċi ssostni li kien hemm ċessjoni ta' kreditu – asserzjoni miċħuda bil-qawwa mill-konvenut fin-nota responsiva tiegħu. Fil-fehma ta' din il-Qorti, si tratta ta' stipulazzjoni favur terza persuna. Huwa prinċipju ġenerali li l-kuntratti la jagħtu drittijiet u lanqas jimponu obbligi fuq terzi. **Aubry et Rau**, li, kuntrarjament għall-prattika tal-eseġisti, kitbu b'mod sistematiku fuq il-kodiċi ċivili Franċiż, fuq il-passi ta' **Zachariae,** jgħidu li "*il en est autrement, par exception, lorsqu'une pareille stipulation forme, soit la condition d'une convention a` titre onereux que le stipulant a conclue dans son propre interet, soit la charge d'une liberalite` qu'il faite au promettant – Art. 1121"*[9] Din l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali hija aċċettata wkoll mill-Kodiċi Ċivili Malti (Artiklu 1000):

> **"Wieħed jista' wkoll jikkuntratta għall-vantaġġ ta' terza persuna, meta dan ikun il-mod jew il-kondizzjoni ta' patt li jagħmel għalih innifsu, jew ta' donazzjoni jew ta' konċessjoni magħmula minnu lil ħaddieħor; u l-persuna li tagħmel dan il-patt ma tistax tħassru jekk**

[9] Aubry et Rau, Cours de Droit Civil Francais, troisieme edition, 1856, vol. 3, paġna 224

**dik it-terza persuna tkun iddikjarat li trid tinqeda bih**".[10]

Illi m'hemmx dubbju li (i) il-ħlas lis-soċjeta` attriċi kien il-mod jew il-kundizzjoni tal-bejgħ tal-merċe lis-soċjeta` konvenuta u (ii) is-soċjeta` attriċi uriet li riedet tinqeda biha, kemm permezz ta' ittra uffiċjali kif ukoll bl-aċċettazzjoni tal-pagamenti - u għalhekk jinkwadra ruħu sewwa fil-parametri tal-eċċezzjoni għar-regola ġenerali mfasslin mill-preċitat Artiklu 1000 tal-Kodiċi Ċivili. Obbligazzjoni magħmula skont din id-disposizzjoni tal-liġi "taghti azzjoni diretta lill-beneficcjarju kontra l-obbligat/debitur (ara **Millard vs Said** deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-14 ta' Settembru, 1988)"[11];

## Kunsens ivvizzjat

Illi l-klawsola numru 10 tal-ftehim tgħid "*the person signing this form hereunder who guarantees in his own personal name to pay any balance due to the Company as defined in this clause, should the debtor fail to pay as agreed whether the debtor trades as a sole trader, any partnership or limited liability company*". Apparti minn hekk klawsola numru 12 tgħid illi d-diretturi u/jew azzjonisti tal-kumpanija li ffirmat dan il-ftehim, jobbligaw ruħhom personalment għall-obbligazzjonijiet u ħlas li jitnisslu minn dan il-ftehim;

Illi għalhekk jidher li meta Darren Casha iffirma d-dokument, huwa ta garazija personali versu l-pagament ta' ammonti dovuti minn Erdom Trading Limited lill-kreditriċi. Għalhekk m'hemm l-ebda dubbju li abbażi ta' dan il-ftehim twieldet relazzjoni ġuridika bejn l-attriċi u Darren Casha;

[10] Ma nsibu l-ebda kumment dwar dan l-artikolu (ġia` Art 706 tal-Ordinanza VII tal-1868) fin-notamenti ta' Sir Adrian Dingli, Commenti e Fonti all'Ordinanza VII del 1868

[11] Carmelo Camilleri v John Preca 13.06.2002 Prim'Awla per Onor. Imħ. Tonio Mallia

Illi b'danakollu, Darren Casha jeċepixxi illi l-kunsens tiegħu kien ivvizzjat meta ffirma *Credit Application Form* u dan għax skontu ħadd ma ġibidlu l-attenzjoni illi b'dik il-firma kien qed jidħol garanti personalment għal kull ammont dovut lis-soċjeta` attriċi u li meta ffirma l-ftehim huwa kien mingħalih li kienet talba għall-bejgħ bi kreditu. Il-konvenut baqa' qatt ma pproċeda sabiex jannulla dan id-dokument għalkemm stqarr li kien sejjer jagħmel dan fir-risposta ġuramentata tiegħu. Dak inhar li ffirma d-dokument, Casha ma wera l-ebda ħjiel ta' problema biex jiffirma. Casha bħal donnu jinsinwa illi l-kunsens mogħti minnu kien b'xi mod karpit b'ingann min-naħa tas-soċjeta` attriċi;

Illi jirriżulta illi din il-*Credit Application Form* intbgħatet lis-soċjeta` konvenuta wara l-laqgħa li saret. Huwa ċert li dakinhar tal-laqgħa m'għaddew l-ebda karti. Dan juri illi Casha kellu kull opportunita` illi jara d-dokument sew u jiflih u la kien se jiffirmaħ, kellu l-obbligu li jaqra sew dak li għalih kien se jiffirma. Ma jirriżultax illi l-attriċi b'xi mod ġiegħlet lil Casha jiffirma. Huwa negozjant illi jaf jaqra u jikteb, kif ukoll mill-esperjenza iltaqa' ma' ħafna dokumenti li kellu bżonn jiffirma u għalhekk żgur mhuwiex novizz f'dan il-qasam tan-negozju;

Illi sabiex qerq jolqot kunsens tal-parti f'kuntratt u allura jħassar is-siwi tal-kunsens jeħtieġ li a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa, b) li jkunu fihom infushom gravi; ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet; u d) fuq kollox li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Jissokta jingħad illi sabiex qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun egħmil li jmur oltre l-ftaħir esaġerat dwar xi kwalita` tal-oġġett tan-negozju. Il-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta` żejda mill-parti li tallega l-qerq għaliex f'każ bħal dan l-akkuża ta' qerq

ma tkunx għajr skuża faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allagatament użat il-qerq[12];

Illi apparti minn hekk, huwa ta' importanza assoluta li jiġi akkordat illi sabiex l-konvenut seta' jeċepixxi ingann fil-kunsens, kellu jittrattaha b'kawża *ad hoc*. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-konvenut hija inammissibbli. Inoltre lanqas jirriżulta b'xi mod illi Casha ġie b'xi mod imqarraq u li jeżistu xi vizzji tal-kunsens. Il-ftehim kien ċar biżżejjed fit-termini tiegħu u Casha kellu kull obbligu li jaqra l-kundizzjonijiet stipulati fid-dokument;

**Ammonti allegatament mitluba darbtejn**

Illi jirriżulta illi l-ftehim ma' Erom Trading Limited sar fis-16 ta' Ġunju 2014. Sussegwentament il-ftehim ma' More Supermarkets (Hamrun) Limited sar fil-25 ta' Lulju 2014. Skond l-i*statements* esebiti bħala Dok B[13], Dok MS2[14] u l-*invoices* esebiti[15] ma jidhirx illi hemm fatturi bl-istess numru ta' referenza. Apparti dan, la Casha allega illi kien hemm xi fatturi dupliċi, kien kruċjali illi jiddentifika lil din il-Qorti liema kien tali fatturi. Kien fl-obbligu u fl-interess tiegħu stess illi jippreċiża eżattament dak illi huwa eċċepixxa iżda la ressaq provi fir-rigward u lanqas ma semma' xejn fis-sottomissjonijiet tiegħu. Għaldaqstant ma jirriżultax li kien hemm xi dupliċita` fil-fatturi;

[12] George Portelli et vs Ivan John Felice, PA, 28.07.2004.
[13] Fol 6.
[14] Fol 718.

[15] Dok MS1 a fol 65 sa fol 717.

**Ammonti li ma kinux dovuti fil-mument tal-preżentata**

Illi rriżulta li fil-mument tal-preżentata kien hemm fatturi illi kienu għadhom mhux dovuti. Il-konvenut jargumenta illi jirriżulta li tali fatturi jammontaw għal €2,694 u għalhekk it-tieni u t-tielet talbiet tal-attriċi jistgħu biss jintlaqgħu sal-ammont massimu ta' €273,010.32. L-attriċi tirribatti billi tgħid illi illum il-ġurnata dawn l-ammonti huma kollha dovuti u baqgħu ma tħallsux u żgur illi għaddiet id-data illi fihom kellhom jitħallsu lura. L-intempestivita` hija għalhekk issanata bl-prinċipju tal-*jus superveniens*, li huwa applikabbli, fost l-oħrajn, meta l-obbligazzjoni li tkun il-bażi ta' l-azzjoni tkun sospiża b'kundizzjoni jew b'terminu u din il-kundizzjoni tavvera ruħha, jekk it-terminu jaghlaq waqt il-kawza. [16]

**L-imgħax**

Illi l-attriċi talbet ukoll l-imgħax sal-ħlas tal-pagament effettiv. Dan id-dejn huwa ta' natura kummerċjali u allura "jekk wieħed iqis li l-obbligazzjoni meħuda mill-imħarrkin kienet waħda ta' natura kummerċjali, allura jista' jingħad ukoll li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu *ipso jure* bla ħtieġa ta' talba għalihom b'att ġudizzjarju u b'effett minn dak inhar li l-obligazzjoni kellha titwettaq;[17]

Illi kull fattura hija l-prova ta' bejgħ individwali u distint ta' materjal. Għalhekk il-kwistjoni tal-pagament tal-prezz u tal-imgħax pretiż għandu jitqies fil-kuntest ta' kull fattura individwali.[18] Għalhekk l-imgħax għandu jiġi kalkulat b'mod separat mid-data rispettiva ta' kull fattura;

---

[16] Vol VI.389; Vol XXIV.ii.281; Salvino Abela –vs- Jimmy Spagnol, Appell, Sede Inferjuri, 21 ta' Jannar 1986.
[17] Muscat et vs Radmilli et, PA, 3.10.2002.
[18] J&M Aluminium Ltd vs Alu Care Mosta Limited, PA, 24.01.2012.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet attriċi kontra is-soċjeta` konvenuta Erom Trading Limited billi ġew ċeduti fil-mori tal-kawża;

2. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut Darren Casha.

3. Tiddikjara lill-konvenut Darren Casha debitur favur is-soċjeta` Alf Mizzi Ż& Sons (Marketing Limited) għas-somma ta' €275,704.32 bl-imgħax legali mid-dati rispettivi tal-fatturi *de quo* sad-data tal-pagament effettiv;

4. Tikkundanna lill-konvenut Darren Casha sabiex iħallas lis-soċjeta` attriċi l-ammont hekk likwidat;

L-ispejjeż inklużi dawn tal-mandat ta' sekwestru numru 2011/14 a karigu tal-konvenut Darren Casha.

Moqrija.

ONOR IMHALLEF
GRAZIO MERCIECA